MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GEOFFREY VALENZIA

Seduta tas-16 ta' Frar, 2009

Citazzjoni Numru. 355/2006

**Grace Galea**
**Vs**
**Anthony Galea u b'digriet tal-10 ta' Mejju, 2006**
**gie nominat Anthony Galea bhala kuratur**
**ta' l-eredi ohrajn tal-mejjet Joseph Galea li mhumiex maghrufa**

**Il-Qorti**

**Preliminari**

**Rat ir-rikors ta' Grace Galea li permezz tieghu ppremettiet:**

1. Illi r-rikorrenti kienet mizzewga lil Joseph Galea fl-10 ta' Settembru 1981 u minn dan iz-zwieg ma kienx hemm tfal;

2. Illi Joseph Galea miet fil-5 ta' Awissu 2005 u fit-testment li ghamel halla kwazi kollox lill-familjari tieghu jigifieri lil hutu u halla barra lil martu jigifieri lill-esponenti billi hallielha xi haga minima;

3. Illi l-mejjet Joseph Galea kellu diversi nvestimenti u flus depozitati go banek li l-esponenti kellha u ghad ghandha dritt ta' nofs l-imghax kif ukoll nofs il-frott tal-beni kif ukoll kull beni akkwistat waqt iz-zwieg mal-mejjet Joseph Galea bhala ko-proprjetarja fil-komunjoni ta' l-akkwisti;

4. Illi r-rikorrenti nterpellat diversi drabi l-eredi ta' Joseph Galea sabiex tiehu sehemha minn dan u nofs il-frott pero' giet offruta somma ferm baxxa.

Jghidu ghalhekk l-intimati ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex tiddeciedi u tordna billi:

1. Tiddikjara illi r-rikorrenti hija dovuta bhala ko-proprjetarja fil-komunjoni ta' l-akkwisti nofs l-imghax u nofs il-frott tal-beni kif ukoll kull beni akkwistat waqt iz-zwieg mal-mejjet Joseph Galea li huwa r-ragel taghha waqt il-hajja mizzewga mieghu li issa l-istess Joseph Galea huwa mejjet;

2. Tillikwida dan l-ammont anki b'nomina ta' espert komputista halli jistabilixxi l-ammont dovut hekk likwidat;

3. Tordna dan l-ammont hekk likwidat jigi mhallas mill-intimati a favur tar-rikorrenti Grace Galea.

Bl-ispejjez kontra l-intimati li huma minn issa ngunti ghas-subuzzjoni.

**Rat ir-risposta ta' Anthony Galea a fol. 24 tal-process li permezz taghha ppremetta:**

1. Illi l-azzjoni kif prostulata hija nulla w irrita stante illi l-mod kif gie propost ir-rikors 'kontra eredi mhux maghrufa', ir-rikorrenti tista' tottjeni biss – jekk xejn, ghaliex l-

esponenti ma jaqblux mat-talba – sentenza akkademika *in parte* u mhux ezegwibbli.

2. Illi minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, l-azzjoni hija wkoll nulla w irrita ladarba l-allegati eredi ma gewx indikati, u dan peress illi l-gudizzju qatt ma jista' jkun integru. Illi kien jispetta lir-rikorrenti taghmel l-istharrig opportun dwar kontra min kellha tigi proposta l-azzjoni qabel ma tintavola l-kawza odjerna.

3. Illi minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, u ladarba r-rikorrenti qieghdha ex admissis tiddikjara illi taf li hemm eredi ohrajn, l-azzjoni hija wkoll nulla w irrita stante l-indivizibilita' ta' l-azzjoni, u dan fid-dawl tal-fatt illi ladarba din l-azzjoni qieghdha tigi rivolta kontra l-eredi kollha u l-eredita' kollha u mhux specifikament xi legatarju u / jew legat, allura kellhom jigu nkluzi l-eredi kollha *ab initio*.

4. Illi fil-mertu, u minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, u b'referenza ghat-testment li sar mid-*decuius* fit-29 ta' April 2004 in atti Nutar Dr. Carmel Gafa', ir-rikorrenti thalliet b'titolu ta' legat diversi oggetti, fosthom vettura tal-marka Toyota; illi l-accettazzjoni ta' dan il-legat wassal ghall-accettazzjoni tad-dispozizzjonijiet testamentarji kollha kontenuti fit-testment tad-*decuius*, u ghalhekk ir-rikorrenti ma tistax sussegwentement titlob aktar minn dak li thalla lilha.

5. Illi inoltre, u in forza tal-istess testment, it-testatur iddikjara illi r-rikorrenti abbandunatu tul l-ahhar hames snin ta' hajtu, u kien ghalhekk illi halla l-legat in kwistjoni minflok ma ddiseredita lir-rikorrenti ghal kollox.

6. Illi minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, jehtieg illi r-rikorrenti tipprova a sodisfazzjon ta' din l-Onorabbli Qorti dak allegat minnha li d-defunt Joseph Galea kellu diversi investimenti u flus depozitati go banek, u li dawn kienu jiffurmaw parti mill-komunjoni tal-akkwisti.

7. Illi kuntrarjament ghal dak allegat mir-rikorrenti, l-assi ereditarji tad-decuius kienu parafernali tieghu, u dan kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza, u ghalhekk

ghandhom jigu respinti t-talbiet tar-rikorrenti, bl-ispejjez kontra taghha.

8. Salv eccezzjonijiet ulterjuri permessi mil-Ligi.

**Rat ir-risposta ulterjuri ta' l-intimati a fol. 463 fejn eccepew il-preskrizzjoni kwinkwennali ai termini ta' l-artikolu 2156(b) u (d) tal-Kap. 16.**

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;
Semghet ix-xhieda bil-gurament;
Semghet lill Avukati difensuri jittrattaw;

**Kontestazzjoni**

Ir-rikorrenti qed titlob nofs l-imghax u nofs il-frott tal-beni (inkluz dawk parafernali) li sar waqt iz-zwieg mal-mejjet zewgha Joseph Galea, u dana billi hija intitolata ghan-nofs sehema mill-komunjoni ta' l-akkwisti. Hi tghid li jekk wiehed ighodd kollox: l-imghax ta' l-Amerika, l-imghax tal-flus li zewgha kellu investiti Malta, l-imghax mill-bonds, l-imghax li kien hemm fil-banek, kif ukoll l-imghax fuq il-pensjoni, u tnaqqas l-ammont li zewgha jhallas lill-Care Malta, kif ukoll l-ammont li hallas bhala manteniment lilha, jibqa' bilanc konsiderevoli favur taghha.

L-intimat issottometta li l-azzjoni tar-rikorrenti hija preskritta. L-azzjoni saret fl-2006 u allura hi tista' titlob massimu ta' hames snin mill-2001 sal-2005 meta miet ir-ragel u kwalunkwe imghax, li setgha akkumula minn Awwissu 2005 sakemm giet ipprezentata l-kawza, mhux dovut a bazi tal-fatt li r-rikorrenti accettat il-wirt kif gie regolat bit-testment fejn zewgha ddisereditaha. L-intimat jirritjeni li la darba r-rikorrenti ttrasferiet il-karozza ghal fuqha u eventwalment iddisponiet minnha allura kien hemm accettazzjoni min-naha taghha tal-wirt.

L-intimat ighid inoltre li kwalunkwe imghax li kellu Joseph Galea minn xi investimenti, anke dawk parafernali, marru biex in parti jhallsu l-manteniment tar-rikorrenti u in parti biex ihallsu l-ispejjez tieghu.

**Kunsiderazzjonijiet**

Fir-risposta ulterjuri a fol. 463 l-intimat eccepixxa l-preskrizzjoni kwinkwennali ai termini ta' l-artikolu 2156(b) u (d) tal-Kap. 16 u kwalunkwe imghax li setgha akkumula minn Awwissu 2005 (wara li miet Joseph Galea) sakemm giet ipprezentata l-kawza mhux dovut billi r-rikorrenti accettat il-wirt kif gie regolat bit-testment fejn zewgha ddiseredaha.

Illi l-Qorti ma taqbilx li t-testment hu fis-sens li qed ighid l-intimat billi Joseph Galea ma kienx iddesereda lill martu (huma ma kienux separati legalment u possibilment lanqas de facto). Fit-testment li kopja tieghu tinsab a fol. 26 insibu li "It-testatur jiddikjara illi martu abbandunatu ghal dawn l-ahhar hames snin meta rrekovera ruhu Casa Arkati u qatt ma marret izzuru u ghalhekk it-testatur qieghed ihalli dan il-legat lill-martu **minflok ma ddiseredita** lill-istess martu ghal kollox".

Ir-rikorrenti ma attakkatx dana t-testment u accettat il-legat (fejn hallielha l-karozza u xi affarijiet ohra) izda ma rrinunzjatx ghal dak li kien taghha bil-ligi. Zewgha ma setghax icahhadha minn sehemha tal-komunijoni tal-akkwisti li taghtiha l-ligi, f'dan il-kaz, nofs l-imghax u nofs il-frott tal-beni akkwistati matul iz-zwieg. Lanqas setghet tibda tiddekorri l-preskrizzjoni kontra taghha ghal sehemha la darba l-komunjoni ta' l-akkwisti baqghet veljanti sakemm miet zewgha. (artikolu 2118 tal-Kap. 16). Il-komunjoni ta' l-akkwisti baqa' vigenti sa l-ahhar u dina ma kienitx ghada giet likwidata.

Ir-rikorrenti pprezentat prospett a fol. 33 fejn hemm indikat imghax fuq stocks u kotba tal-bank li kellu Joseph Galea, izda r-rikorrenti naqset milli tindika precizament dak li qed tippretendi bhala somma. Fil-kors tas-smigh tal-kawza rrizulta li xi stocks ma kienx jappartjenu unikament lill Joseph Galea imma kienu jsejhu wkoll lill huh Anthony Galea. Inoltre xi kotba tal-bank kienu nghalqu u imghax ma baqax jiddekorri. Gie pruvat ukoll li minn dana l-imghax Joseph Galea kien jaghmel pagamenti ghall-

manteniment ta' martu, ir-rikorrenti, kif ukoll ihallas lid-dar fejn kien rikoverat.

Ir-rikorrenti, fl-ittra taghha tat-30 ta' Novembru 2005, (ara fol. 49) li kienet baghtet lid-difensur tal-kontroparti, kienet ghamlet talba ghal Lm25,584 bhala sehemha mill-imghax kalkolat fuq introjtu ta' Lm2,132 imghax fis-sena fuq perjodu ta' 24 sena kemm damu mizzewgin il-partijiet. B'kollox l-ammont kien ilahhaq ghal Lm51,168.

Jekk kellha tigi accettata l-figura fuq imsemmija li qed tippretendi r-rikorrenti li hija dovuta lilha cjoe Lm51,168 u dana fin-nuqqas tal-kalkolu car u preciz ta' l-ammont attwalment dovut lilha, il-Qorti trid tnaqqas minnha l-ammont ta' Lm27,751.94 li thallas lill All Care u Lm4,290 li thallas lir-rikorrenti bhala manteniment. Jifdal ammont ta' Lm19,126.06 li minnu r-rikorrenti jmissha nofs, cjoe Lm9,563.03.

Il-Qorti hi tal-fehma li, billi l-figura ta' Lm51,168 mhiex wahda preciza, u billi rrizulta li certi accounts ma kienux unikament ta' Joseph Galea u ohrajn kienu nghalqu, l-ammont ghandu jigi ridott ghal Euro 19,000.

**Decizjoni**

Ghal dawn il-motivi
Il-Qorti tiddeciedi billi
Tilqa' l-ewwel talba tar-rikorrenti
Tillikwida l-ammont dovut fis-somma ta' Euro 19,000
Tordna li dan l-ammont jigi mhallas mill-intimat lir-rikorrenti
Bl-ispejjez kontra l-intimat u bl-imghax mid-data tal-prezentata tac-citazzjoni.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------